# Sapport minn Voluntieri

- Tieħu ħsieb xi ħadd li jsofri minn marda fatali tista' teżawrixxi li dak li jkun emozzjonalment kif ukoll fiżikament; Voluntieri jipprovdu serħan lil dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd marid billi jagħtu assistenza prattika u sapport emozzjonali.

- Jekk trid issir taf iżjed kif inti tista'tgħin, ikkuntattja is-servizz lokali tiegħek ta' Kura Palljattiva



# X'jiġri jekk inti ma titkellimx bl-Ingliż?

Il-grupp fi ħdan is-servizz tal-kura palljattiva jifhem il-bżonnijiet tiegħek minħabba il-kultura u l-lingwa. Jekk jogħġbok toqgħodx taħsibha titlob li jkollok l-għajnuna ta' interpretu. Inti tista' tuża interpretu kwalifikat jew xi membru tal-familja

# Lil min tistaqsi għal aktar għajnuna jew informazzjoni?

- It-tabib tiegħek li qiegħed jikkura
- L-eqreb servizz ta' kura palljattiva

Palliative Care Australia Inc gratefully acknowledges the financial assistance of the Commonwealth Department of Health and Aged Care. However the views expressed are those of PCA and may not represent those of the Commonwealth.

Design concept courtesy of the Palliative Care Council of South Australia and Palliative Care Victoria

Palliative Care Australia



Kura Palljattiva ("Palliative Care")

# Serħan Faraġ Sapport

Tieħu ħsieb maħbubin li jsofru minn xi marda fatali.



# X’inhi Kura Palljattiva?

Kura Palljattiva hija sapport li jingħata lil dawk il-persuni li jsofru minn xi marda li m’hemm ebda tama ta’ fejqan.

L-għan tal-Kura Palljattiva ("Palliative Care") huwa li kemm jista’ jkun ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuna. Dan il-għan jintlaħaq billi jiġi ikkoordinati u offruti diversi servizzi bħala risposta għall-bżonnijiet individwali ta’ dik jew dak li qiegħed jircievi l-kura u ta’ dik il-persuna li qeda tagħti l-kura.

Huwa rikonoxxut illi hemm sensila ta’ problemi, inklużi dawk fiżikali, emozzjonali, soċjali u spiritwali li jkollhom bżonn attenzjoni.

# Fejn?

Kura Palljattiva tista’ tingħata, fejn hu possibli, fejn il-persuna tkun tixtieq. Din tista’ tingħata u tkun ipprovduta:

- fid-dar stess tal-persuna
- f’dar tal-kura
- fi sptar
- dar residenzjali specjali għax-xjuħ

Familja, qraba u ħbieb huma prinċipalment dawk li jagħtu l-kura. Għajnuna professjonali tista’ tinkiseb mit-tim tal-Kura Palljattiva

# Kura Palljattiva hija sforz kollettiv






# Jekk jien inbati bl-uġiegħ, jista jittaffa?

Fil-biċċa-l-kbira tal-każi, l-uġiegħ jista’ jittaffa billi jintużaw, skond kif ikun addattat:

- għadd ta’ pilloli li jmewtu l-uġiegħ u drogi oħra
- massaġġi
- meditazzjoni
- aromaterapija
- agopuntura
- radjoterapija

Avvanzi reċenti fil-manifattura ta’ drogi li jmewtu l-uġiegħ jinkludi pilloli tal-morfina li jaħdmu bil-mod u rqajja ta’ fuq il-gilda.

# X’inhu Ospizju?

Ospizju huwa post iddedikat għall-kura ta’ dawk li jsofru minn xi marda fatali, imħaddem minn impjegati mħarrġa apposta bħalma huma tobba, nursijiet, ħaddiema soċjali, fiżjo-terapisti, u voluntieri. Dawn joffru servizz ta’ kura kompluta lill-pazjenti u lill-familja, kura li tinkludi sapport fiżikali, emozzjonali u spiritwali.